**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 262 /2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Antoine Schembri**

**Illum, 5 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Antoine Schembri** detenur tal-karta tal-identita Maltija **581181M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) għal ħabta ta' bejn 18:45 u 18:55 u kif ukoll bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju u l-erbgha u għoxrin (24) ta' Lulju bejn 11:45pm u 9:20am ġewwa Triq Wied Blandun, Paola u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin huwa allegatament wettaq is- segwenti:

a) Bl-imġieba tiegħek, ikkaġunajt lil Joseph Cacopardo, Joseph Cacopardo u kif ukoll Rose Mary Cacopardo biża li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' tagħha jew ta' xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) u dan bi ksur ta Art 251B (1) tal- Kap 9.

b) Gibt ruhek b'tali mod li tajt fastidju lil Joseph Cacopardo, Joseph Cacopardo u Rose Mary Cacopardo u b'mod li kont taf jew missek kont taf li dak li għamilt kien ta fastidju ghalihom - Art 251A (1)(a)(b) Kap 9

c) Talli fit-13 ta' Lulju għal habta ta' bejn 18.45 u 18.55 ġewwa Triq Wied Blandun Raħal Ġdid u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin ikkaġunajt hsara fuq il- vettura bin-numru ta reġistrazzjoni JFC 059 ghad-dannu ta' Joseph Cacopardo liema hsarat jammontaw għal valur ta €94.50 kif ukoll ħsara tal- panel playpen liema hsara tammonta ghal valur ta €153.32 u dan bi ksur tal- Artiklu 325 (1) (b) tal-Kap 9

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Gunju 2023, fejn sabet lill-imputat Antoine Schembri hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Antoine Schembri**, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fis 7 ta' Lulju , 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antoine Schembri**, tal-26 ta' Ġunju 2023, billi tilqa' dan l-appell u konsegwentament tilliberah mill-akkużi miġjuba kontrih kif ukoll minn kull piena u ħtija skont il-liġi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. Illi f'dan il-każ, il-fatti u l-akkużi msemmija fis-sentenza huma ghal kollox differenti minn dawk li jinsabu fl-atti proċesswali;

   i. Illi fl-atti proċesswali, issir referenza ghal inċidenti li allegatament sehhew nhar it- tlettax (13) ta Lulju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) għal ħabta

ta bejn 18.45 u 18.55 u kif ukoll bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju u l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju bejn 11.45pm u 9.20am. Illi fis- sentenza madanakollu ssir referenza għas-sittax (16) ta' Lulju elfejn tnejn u għoxrin (2022) għal ħabta ta' 23.40hrs fil-basement tal-binja San Antonio, Triq Wied Blandun, Paola;

ii. Illi aktar gravi minn hekk, fis-sentenza ssir referenza ghal akkuża unika u ċioe li volontarjament l-akkużat hassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn 23.29 Euro iżda anqas minn 250 għad-dannu ta' Joseph Cacopardo bi ksur tal-Artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi minn qari tal-atti proċesswali, din l-akkuża ma tirriżulta minn mkien għaldaqstant, il-Qorti qatt ma setghet issib htija u dan għaliex l-akkużat ma kien akkużat taht dan l-artikolu tal-liġi.

iii. Illi ghaldaqstant fil-każ odjern, 1-appellant qiegħed jiġi dikjarat hati ta' aġir li qatt ma ġie akkużat bih u li ma għandux x'jaqsam mal-każ odjern u sussegwentament ġie moghti piena in konnessjoni ma' imputazzjoni li qatt ma kien akkużat biha. Illi dawn id-diffetti serji m'humiex rimedjabbli u għaldaqstant, tenut kont dawn il-mankanzi, l-akkużat ghandu jiġi liberat minn kull piena u ħtija skont il-ligi.

2. **Illi mingħajr preġudizzju għal premess, anke jekk 1-Ewwel Qorti kellha tiehu konjizzjoni tal-akkużi li verament ġie akkużat bihom l-imputat, lanqas hawn ma kellha ssib htija u dan ghar-raġunijiet surreferiti:**

i. <u>**Fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni akkuża**</u>:

a. sabiex jista jitqies li jissussistu dawn ir-reati, jeħtieġ li jkun hemm dak li fit-test ingliż tal-liġi jissejjah bhala "*a course of conduct*". Dan ifisser illi irid ikun hemm

ghal tal-inqas żewġ okkazzjonijiet fejn l-persuna akkużata tkun qed taghti dan l-fastidju u/jew tikkawża biża li se tintuża vjolenza kontra l-vittma jew kontra propjeta jew membri tal-familja tal- vittma. Incident wieħed u izolat ma huwiex biżżejjed ghall-sejbien ta' ħtija;

b. Naraw illi f'dan il-każ, l-akkuża tirreferi għal żewġ dati: it- tlettax (13) ta Lulju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) għal ħabta ta bejn 18.45 u 18.55 u kif ukoll bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju u l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju bejn 11.45pm u 9.20am. Fir-rigward tal-inċident msemmi fit-13 ta' Lulju, sar rapport mis-Sur Joseph Cacopardo, mis-Sinjura tieghu Mary Rose Cacopardo u mit-tifel tagħhom Joseph Cacopardo. Illi madanakollu, l-allegat incident mbagħad tal-24 ta' Lulju jirrigwardja biss lil missier Joseph Cacopardo;

c. Illi filwaqt li l-*parte ċivile*, l-iben Joseph u s-Sinjura Mary Rose jsemmu inċidenti passata waqt id-deposizzjoni tagħhom, dawn l-inċidenti ma ngabet l-ebda prova tagħhom u lanqas hemm provi tagħhom fl-atti. Għaldaqstant, certament dawn ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni u wisq anqas ġie pruvat l-element fundamentali ta' dawn ir-reati ta' course of conduct.

d. Min-naħa l-ohra, fir-rigward ta' Joseph Cacopardo (Senior), jidher li jsemmi inċident li sehh bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju u l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju bejn 11.45pm u 9.20am fejn jallega illi l-imputat kien qiegħed iressaqlu l-pala u xkupa. Bid-dovut rispett, allaħares naslu f'sitwazzjoni fejn għax persuna ċċaqlaq il-posiżżjoni ta' affarijiet li jinsabu jiżgombraw bitha komuni, tista titqies bhala fastidju jew tohloq xi tip ta' biża li ser tintuża vjolenza!

e. Fid-dawl ta' dan kollu preċiżament il-fatt li l-element fundamentali ta' dawn ir-reati ma ġiex pruvat u lanqas ma l-Prosekuzzjoni ma ressqet 1- ebda prova dwar imġieba ossia kondotta ripetuta da parti tal-imputat li kull darba raġjonevolment nissel biża' ta' vjolenza fil-konfront tal-parte civile din il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat ta' dawn iż-żewġ - imputazzjonijiet.

**ii. <u>Fir-rigward tat-tielet akkuża:</u>**

*a.* Bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hażin tal-provi u dan għaliex ma ngabet l-ebda prova li turi ness bejn l-azzjoni tal- appellant u l-hsara allegatament sofferta mil-*parte ċivile;*

b. Illi tajjeb illi jiġi rimarkat ukoll illi lanqas ma ġiet preżentata kwalunkwe prova jew rapport li juri li l-'*playpen*' u l-vettura bin-numru JFC 059 veramment soffrew ħsara u li din il-ħsara ġiet ikkaġunata minn xi att tal- imputat. Il-*parte ċivile* ppreżenta biss stimi tal-ispejjeż allegatament ikkawżati iżda ma ppreżenta l-ebda evidenza li turi b'mod ċar il-ħsara sofferta, jekk sehhet ħsara u kif din il-hsara ġiet ikkaġunata.

c. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mil-Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano datata 24 ta' Frar 2003, fl-ismijiet **<u>il- Pulizija vs Joseph Zahra,</u>** l-istess Qorti pronunzjat illi "L-istima maghmula mix-xhud Paul Borg (ara d-dokument CC ezibit mix-xhud Charles Caruana) hija opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Fin-nuqqas ta' qbil <u>bejn</u> il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l- oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara. F'dan il-kaz ma tqabbad ebda perit.'

d. Illi f'dan il-każ, nonostante n-nuqqas ta' qbil, il-ħsara la ġiet apprezzata direttament mil-ġudikant u lanqas tqabbad perit mil-Qorti sabiex jagħti l-fehma tiegħu. Ulterjorment, il-*parti leża* preżentat biss stima u mhux kemm effettivament hallas sabiex saret tiswija.

Semghet lill-partijiet jaghmlu is-sottomissjonijiet taghhom u dan fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2024.

**Ikkunsidrat,**

Illi b'mod generali l-appellant qed jistqarr illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx leġittimament u raġonevolment issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors tal-appell tieghu principalment ghaliex ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif imressqa f'dan il-kaz. In oltre l-Qorti tal-Maġistrati kellha l-opportunita', a differenza ta' din il-Qorti, illi tara u tisma' lil parte civile u lill-appellant jixhdu quddiemha. B'hekk kienet f'pozizzjoni ferm aħjar minn din il-Qorti biex tapprezza dik ix-xhieda u tgharbilha mill-lenti tal-kriterja tal-kredibbilita' tax-xiehda imsemmija fil-Liġi Maltija. Dik il-Qorti setgħet tanalizza mhux biss il-verżjonijiet rilaxxati minnhom iżda anki l-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda. Cio nonnostante in vista tal-aggravji mressqa din l-Onorabbli Qorti ser terga tifli l-process u tezamina in funditus ix-xhieda moghtija tax-xhieda prodotta.

Madankollu, anke meta din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[1]

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol. 5 et seq redatta minn PC536 Christina Baldacchino nhar l-24 ta' Lulju, 2022. F'dan ir-rapport Joseph Cocopardo ried jirraporta lil Antoine Schembri li jaqsam il-komun tieghu fil-garage li kien qed itieh fastidju. Dan qabad u ressaqlu l-affarjiet tieghu u waddabhomlu mal-art. Jghid li lejliet ghall-habta ta' 23.45

[1] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

ghandu filmat juri lill-parte civile jaqbad l-ixkupa u l-isqueezer u z-zibel u waddabhomlu mal-art.

Rat ukoll l-okkorenza datata 13 ta' Lulju 2024 mehuda minn PS 2157 Jessica Grech fejn din stqarret li ghall-habta tas-18. 45p.m Joseph Cocopardo mar l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid u rraporta li kien hemm mart Antone Schembri fil-garage ghall-habta ta' 12.00p.m li kienet ser tipparkja quddiem il-garage tieghu u bdiet tostakolalu l-entratura. Staqsih jekk kienx ser idum fejn din qabdet u ghaqdet it-tyres u telqet 'l hemm. Ghal habta tas-18.49 p.m mar zewghha jhedded lilu, lil martu, u ibnu. Dan beda jheddidhom u juza kliem mhux xieraq. Hin minnhom kisser il-grada fuq il-qua li kellu ipparkjat fil-komun u ghandu l-mudguard mibrux. Beda jheddidhom li kien ser jisraqilhom kollox filwaqt li jkellimhom b'mod offensiv. Il-Pulizija tkellmet ukoll ma bin il-kwerelant li kkonferma dan fir-rapport tieghu. Fuq dan it-tieni rapport il-pulizija tkellmet ukoll mal-akkuzat u dan qal li dakinhar martu marret tipparkja l-vettura taghha fil-komun quddiem il-main gate tal-garage biex tnizzel ix-xirja ghaliex fil-garage ma setghetx tidhol peress li kien hemm il-quad tal-*parte civile* fin-nofs. Din qabdet u ccaqilqet il-karozza minkejja li dakinhar ma harigx qabel il-17.30 p.m.

Rat l-istima esebita fl-atti a fol. 11 miktuba fuq letter head Cardona's fl-ammont ta' €183.32 fejn bhala deskrizzjoni kien hemm miktub '*fender right* 'u '*labour*'.

Rat stima ohra mahruga din id-darba minn Borg Cardona nhar l-14 ta' Lulju, 2022 u bhala deskrizzjoni hemm imnizzel "QTY 1: C170/2 8 Panel Playpen (60cm x 91 cm H per panel) @ €99.50.

Ezaminat iz-zewg CDs esebiti fl-atti a fol. 14.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Cocopardo** moghtija nhar id-9 ta' Jannar 2023. Jghid li kien talab lil mart l-akkuzat biex tmexxilu l-karozza ghax kellu qadja bil-*quad bike* u kellu bzonn johorgu mill-garage u ma setax ghax kienet fin-nofs. Qal li haditha bi kbira hafna u anke offrihielha li jressaq il-karozza li kellu barra izda ma kienx accettabli

ghalih. Mar zewgha, l-akkuzat u beda joffendih fil-prezenza ta' martu u ta' ibnu. Qal li anke qabad il-grada li hemm fejn izomm iz-zewgt iklieb tieghu u kissirlu l-grada ghax ixxuttjaha u qasamha min-nofs. Jghid li hu u jaghmel hekk kwazi laqghat il-mara. Ghamillu hsara fil-quad, l-mutur tieghu. Spjega kif anke jghid li jidher fil-video li bid-daqqa li ta lil grada dan barax il-genb tal-mutur. Qal li l-mudguard huwa tal-plastic u ghalhekk irid jinbidel kollu kemm hu. Jghid li l-incident ta' meta l-akkuzat baraxlu l-mudgaurd tal-mutur sehh nhar it-13 ta' Lulju 2022 waqt li bejn it-23 u 24 ta' Lulju 2022 kien hemm incident iehor fejn beda jheddidhom u jghidilhom li kien ser jkissrilhom kull haga li ghandhom. Imbaghad jghid li dan il-kliem sar ukoll fit-13 ta' Lulju 2022 wara li kien baraxlu l-mutur.

Mistoqsi jispjega l-incident tat-23 ta' Lulju 2022 u jghid li l-appellant oggezzjona ghal prezenza taghhom fil-garaxx minkejja li dan ripetutament jimblokka il-garage. Qal li l-appellant irid jivvendika ruhu minnhom u jghajru ghax hu marid bil-cancer, jinsulenthom bil-hajjin u mejtin taghhom. Lil ibnu ghajru mahmug u dan kollu ghal xejn ghax jghid li qatt ma ghamillu xi haga.

**Rose Mary Cocopardo** xehdet nhar id-9 ta' Jannar 2023 u qalet li minghaliha fit-13 ta' Lulju 2022 beda jheddidhom Antoine waqt li kienu fil-garage. Spjegat li mart l-appellant kienet ipparkjat quddiem il-garage u zewgha l-kwerelant bl-edukazzjoni kollha talabha biex ma tipparkjax fejn kienet ghax ikollu bzonn johrog u biha fejn kienet ma jkunx jista'. Anke offrielha tipparkja floku izda ma riditx. Hija marret titkellem ma' zewgha l-appellant. Minn naha tieghu dan nizel fil-garage jghajjar lil zewghha, lilha u lil binha. Taghhom daqqa fuq il-grada li jaghmlu minhabba il-klieb biex ma johorgux, laqghat il-mutur u kwazi laqghat lilha u kompla jghajjarhom kemm jiflah. Darba ohra fl-istess xahar tiftakar li kien hemm incident fejn dan dahal fuq zewgha bil-mutur u jghidlu 'li din ma tieqafx hawn' u li kien lest li jtajru bil-mutur. Harget tittawwal u rat lill-appellant tielgha fuq il-mutur.

Rat l-affidavit ta' **PS2187 J Grixti** esebit fl-atti a fol. 33. Ikkonfermat li nhar l-24 ta' Lulju, 2022 ghall-habta tal-11.00 a.m waqt li kienet qeghda xoghol l-ghassa tal-pulizija

ta' Rahal Gdid dahal jirrapporta certu Joseph Cocopardo li xtaq jaghmel rapport ghax Antoine Schembri qieghed itih fastidju.

Joe, il-kwerelant qal li dan l-appellant qallu li kien ser jaqbad l-ixkupa u *squeezer* li hemm fil-garage u jwaddabhomlu mal-art. Jghid li dan id-diskors sar fid-9.20a.m. Stqarr li l-appellant kien qed itih fastidju. Huwa kellem ukoll lill-appellant u dan cahad li qallu dan id-diskors izda li seta jcaqlaq dawn l-affarijiet peress li huwa ghandu dritt daqs tal-kwerelant fuq il-komun tal-garage.

**PS 2187 J Grixti** ipprezentat affidavit iehor a fol. 37 tal-atti. Spjegat li nhar it-13 ta' Lulju 2022 ghall-habta tas-18.55 waqt li kienet xoghol l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid dahal jirrapporta Joseph Cocopardo li kien gie mhedded minn Antoine u li anke ghamillu xi hsara fil-proprjeta' taghhom cioe fil-fond '5, Triq Blandun, Rahal Gdid.' Dan stqarr ghal habta ta' 12.00 kien hemm l-mara tal-appellant ipparkjata quddiem il-garage taghhom u bdiet tostakolalu l-entratura. Staqsieha bl-edukazzjoni jekk kienitx ser iddum u din wegbitu *'ahjar tipparkja sew'*. Staqsiha jekk rieditx li jressaqilha (b'referenza ghal karozza) u din qabdet u ghaqdet it-tyres u telqet 'l hemm. Wara ftit u ghal habta tas-18.45pm gie r-ragel taghha b'hafna theddid lejh, lejn martu u ibnu.

Kompla jghid li l-appellant beda juza kliem offensiv. Hin minnhom kisser il-grada fuq il-quad li kellu ipparkjat il-komun u ghandu l-mudguard mibrux. Beda jhedded kemm lilu kif ukoll lil martu u lil ibnu. Beda jghidilhom l-appellant stqarr li kien ser imur u jkissirlu kollox. Baqa' jghajjarhom u juza kliem mhux xieraq.

Iben il-kwerelant Joseph Cocopardo ukoll gie mitkellem mix-xhud u dan kkonferma li l-appellant stqarr li kien ser imur ikisser kull m'hemm u beda joffendiehom bi kliem mhux xieraq, ixxutja l-grada u laqghat il-mutur ta' missieru. Kien hemm ghajjat u tisbit u kien anke ser ihebb ghal missieru. Qal li l-appellant huwa bniedem aggressiv hafna dan kollu qam minhabba sempliciment *parking*. Heddihom li kien ser ikisser ic-CCTV cameras u kull ma hemm fil-garage.

Ix-xhud tkellem ukoll mal-appellant wara li nghata d-drittijiet legali tieghu fejn irrinunzja ghal tali dritt. Dan qal li martu kienet ipparkjat quddiem il-*main gate* tal-garage peress li hija *interconnected* mal-blokka ta' fejn joqghodu sabiex tnizzel ix-xirja ghax ma setghetx tidhol minhabba l-quad li kellu l-kwerelant ippustjat fir-rampa tal-garage. Din resqet il-karozza minkejja li dakinhar l-kwerelant ma harigx il-mutur qabel il-17. 30p.m u kien hu li talbu din id-darba biex iressaq il-quad. Jghid li mbaghad ixxutja l-grada billi taha daqqa ta' sieq u l-grada waqghet fuq il-mutur. Dakinhar ma offendihx izda qal lil bin il-kwerelant sabiex jahsel il-komun ghaliex kien imiss lilu izda dan stqarr li ma riedx u kien ghalhekk li qallu li kien ser jaqlalu l-cameras.

Is-sinjura Cocopardo giet ukoll mitkellma u din kkonfermat li dakinhar l-appellant kien beda jghajjat biex inehhulu l-mutur minn nofs u li kien ser jarmi kull ma hemm u heddidhom li kien ser jkisser u jarmi kull m'hemm u f'daqqa wahda ixxutja l-grada ghal fuq l-mutur. Ghajjarhom mahmugin. Hareg il-mutur tieghu u dan beda jirrajzja u telaq 'l hemm. Qalet ukoll li l-kwerelant zied jghid li l-appellant ghal habta tal-22.39 qalalhom l-affarijiet li ghandu barra il-garaxx billi kissirlu l-brackets, qabad pipe ikkontaminat u xarbilhom gewwa bl-ilma kkontaminat bid-dranagg. Joseph ipprovdilhom ukoll stima tal-hsara li sofra fil-quad bike KYMCO MXU 300 ta' lewn hamrani fl-ammont ta' €94.50 kif ukoll tal-playpen li tammonta ghal €153.32. Total ta' €247.82.

**Joseph Cocopardo** bin il-kwerelant xehed nhar is-6 ta' Marzu 2023 u kkonferma li nhar it-13 ta' Lulju 2022 l-appellant nizel jghajjat fil-garage fil-komun li kien ser inehhi kollox mill-komun u beda jheddidhom. Hareg mill-garage jgholli idejh ma' wicc missieru biex jintimidah, ixxutja l-grada, kwazi laqghat lil ommu izda laqghat il-mutur. Huwa pprezenta n-notamenti tieghu mmarkti bhala Dok JC 1 dwar l-incidenti li ra bejn misieru u l-appellant. Ikkonferma li kien prezenti ghal dan l-incident. Qal li l-appellant il-hin kollu jintimida lil missieru li hu xih u bil-bastun, jghajru li dalwaqt ser imut u kull meta jarah jaghmel minn kollox biex ikun jista' jaggredih. Qal li apparti li kien presenti is-sistema ta' sigurta tigbed ukoll l-incidenti li jkun hemm bejn il-

partijiet. L-istima li gabu jghid li gabuha minghand l-agent li qal dak li x'kellu jsir biex titranga il-hsara.

**Gordon Micallef** xehed nhar il-15 ta' Mejju 2023 u spjega li s-socjeta minnu raprezentata kienet harget l-istima esebita fl-atti fl-ammont ta' €183.33. Ikkonfermaw li kienu raw il-mutur u hareg l-istima a bazi tal-parti u tal-labour involut biex tittranga l-hsara li kien hemm.

**Ikkunsidrat**,

Illi f'dan il-kaz l-appellant kif kellu kull dritt ma xehedx f' dawn il-proceduri pero x-xhieda li ta lill-ufficcjal investigattiv jikkostitiwxxi res gestae u ghalhekk hija prova ammissibli ghalkemm mhux konfermata minnu bil-gurament. Dwar l-incident li sehh nhar it-13 ta' Lulju 2022 ma hemmx dubbju li l-appellant kif del resto qal lill-ufficjal investigattiv stess kien qabad u ixxutja grada ghax irrabja u laqat il-mutur tal-kwerelant. Ma hemmx dubbju lanqas li l-hsara li kkaguna kienet tammonta ghal €183.33 kif konfermat mix-xhud independenti Gordon Micallef. Illi dan il-mutur huwa tal-ghamla KYMC numru tar-registrazzjoni JFC 059. Pero fl-akkuza l-prosekuzzjoni qed takkuza lill-appellant fit-tielet akkuza talli kkaguna hsara fil-mutur numru ta' registrazzjoni JFC 059 fl-ammont ta' €94.50 kif ukoll f'*playpen* fl-ammont ta' €153.32 u ghalhekk dan ifisser li naturalment il-prosekuzzjoni qed taghmel referenza ghal incident iehor li sehh bejn il-partijiet u mhux dan li xehdu dwaru x-xhieda. Ghalhekk din it-tielet akkuza ma tistax tirrizulta.

Dwar l-ewwel u t-tieni akkuza dawn jittrattaw dwar ir-reati ta' fastidju u talli kkaguna biza li ser tintuza vjolenza fuq l-kwerelant, martu u ibnu nhar it-13 ta' Lulju u bejn il-lejl tat-23 u l-24 ta' Lulju 2022. Jinghad ukoll li dawn iz-zewg reati ghandhom bzonn '*course of conduct*' kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu. Dan hu ukoll konfermat fis-sentenzi nostrana taghna. Issir referenza ghas-sentenza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** tal-21 ta' Ġunju 2007 fejn gie ritenuto is-segwenti:

*Ghalkemm ovvjament f' din il-kawza mhux kompitu ta' din il-Qorti li tesprimi gudizzju fuq dak li gara f' okkazzjonijiet precedenti jew sussegwenti ghad-19 ta' Marzu, 2006, ghaliex l-appellant mhux akkuzat bihom, f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien. Kien biss ghalhekk li ppermettiet lil Decesare li tixhed fuq dak li gara qabel u anki dak li seta' gara wara u anki fil-mori ta' dan l-appell.*

Kif ukoll ghall-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis** tal-24 t'April 2009 fir-rigward ta' dak li tfisser il-frażi course of conduct fejn intqal is-segwenti: -

*Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fissubartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din ilQorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: 'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*

Jiġifieri, skont Parnis, mhux eskluż li f'ġurnata partikolari jkun hemm għemil li jwassal għal course of conduct inkriminati; iżda f'każ li jkunu inċidenti multipli li jkunu seħħew fl-istess jum, il-prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dak li seħħ kjarament ma jkunx ritenibbli bħala inċident waħdieni u isolat u dan peress li fil-Blackstone stess jingħad li *the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous.*

F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni xliet lil l-appellant li ghamel dan l-fastidju u biza li ser juza vjolenza fil-konfront tal-kwerelant u kif ukoll martu Rose Mary Cocopardo u binhom Joseph Cocopardo. Filwaqt li dawn l-akkuzi jirrizultaw provati fir-rigward tal-incident tat-13 ta' Lulju 2022 ma jirrizultawx provati fir-rigward tal-allegat incident tat-23 ta' Lulju 2022 ghaliex ix-xhieda ma xehdux b'mod car u konciz fuq dan it-tieni rapport. Bejn il-kontendenti hemm diversi kawzi skond kif jidher mill-inkartament

esebit minn bin il-kwerelant Dok JC 1. Fil-fatt jidher li l-incident li allegatament sehh bejn il-partijiet kien jikkoncerna l-hsara li saret fil-playpen u fil-vettura kif imsemmi fit-tielet akkuza pero dwar dan l-incident ix-xhieda tal-parte civile ma qalu xejn. Ghalhekk in vista ta' din il-mankanza il-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova l-*course of conduct* tal-appellant kif rikjst mill-ligi.

Fid-dawl tas-suespost din il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ma hiex wahda *safe and satisfactory* u ghalhekk qed tilqa' l-appell tal-appellant u tiddikjarah mhux hati ta' kull imputazzjoni u piena, tirrevoka s-sentenza appellata.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**